# Il-Ħadd 01.11.2020

1. Illum 1/11, **Solennità tal-Qaddisin kollha**

2. It-Tnejn 2/11, **L-Għid tal-Imwiet** - Nitolbu għal ħutna l-mejtin:
   - Filgħodu: il-quddies ikun f'dawn il-ħinijiet: Fis-7:00am u fit-7:45am.
   - Fis-6:30pm - Quddiesa li fiha niftakru b'mod partikulari f'ħutna li mietu tul din is-sena.
   - Infakkar li matul Novembru ċ-ċimiterju jkun miftuħ mit-8:00am sal-4:00pm.
     Inħeġġu biex iż-żjajjar tagħna fiċ-Ċimiterju jkunu fuq kollox mument ta' talb.
     U importanti wkoll li hemmhekk jinżamm is-skiet u l-indafa meħtieġa.

3. It-Tlieta 3/11:-
   - Fis-6:30pm - Quddiesa b'suffraġju għall-Kappillani u għas-Saċerdoti mejtin.

4. L-Erbgħa 4/11:-
   - Fis-6:30pm - Quddiesa b'suffraġju għall-Fratelli u Sorelle Mejtin tas-Sagrament u tar-Rużarju.

5. Il-Ġimgħa 6/11, l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar:-
   - Isir it-Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fis-5:45pm – Ħin għall-Qrar.
   - Fis-6:30pm – Quddiesa.
   - Fis-7:00pm – Adorazzjoni li tagħlaq bil-barka Sagramentali.

6. Il-Ħadd 8/11:-
   - Fl-4:00pm - Isir it-tberik tal-oqbra fiċ-Ċimiterju.
     *Minħabba ċ-ċirkostanzi preżenti, l-quddiesa mhux ser issir hemm.*
   - Fil-5:00pm - Rużarju fil-knisja parrokkjali.
   - Fil-5:30pm - Quddiesa fil-knisja parrokkjali.
     - Qed tinġabar ukoll l-kontribuzzjoni ta' € 15 biex intaffu l-ispejjeż marbuta maċ-ċimiterju: l-iskip relatata mat-tindif tal-oqbra, il-konsum tal-ilma u l-elettriku, li jkopri s-Sistema tal-Cameras tas-Sigurtà, u l-bozoz tal-fanali fuq l-oqbra.
     - Infakkar li matul dan ix-xahar ta' Novembru, huwa miftuħ il-booking tal-intenzjonijiet tal-Quddies għas-sena 2021 b'suffraġju għall-familjari, qraba, u ħbieb mejtin tagħkom. Minħabba is-sitwazzjoni li qegħdin fiha, min jixtieq jagħmel dan mitlub iħalli envelop b'ismu u kunjomu u *contact* (Mobile, telefon, jew email) fil-*letterbox* tal-Uffiċċju Parrokkjali, u ġo fih jara li jkun hemm il-lista bl-ismijiet tal-intenzjoni, bil-jum u l-ħin tal-quddiesa mitluba, flimkien mal-offerta tal-quddies. Imbagħad jiġi kkuntattjat mill-Kappillan biex jgħarrfu bid-dati u l-ħinijiet miktuba.

7. Avviżi oħra:-
   - Ħareġ il-*Flimkien* ta' Novembru. Għalkemm f'dawn ix-xhur mhux qed jitqassam fid-djar, biex jitnaqqas il-kuntatt fiżiku minħabba l-pandemija, il-magażin flimkien mal-insert tistgħu taqrawh online fuq il-website u l-facebookpage tal-parroċċa tagħna, newsbook.com.mt, laikos.org jew fuq il-website tad-djoċesi (maltadiocese.com).
   - Matul dan il-weekend ser jinbiegħu biljetti b'risq Lotterija ta' Hamper li ser jittella' aktar 'il quddiem, bil-għan li niġbru aktar fondi għall-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr. Napprezzaw il-koperazzjoni tagħkom.

8. Matul din il-ġimgħa daħlu:-
   - € 140 bħala ġabra li saret il-Ħadd li għadda;
   - € 95 bħala donazzjonijiet b'risq il-Missjoni li nġabru mill-envelopes;
   - € 90 bħala donazzjonijiet b'risq il-manutenzjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr;
   - Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief fejn is-**Sanitizing Points**, **illum jgħoddu bħala ġabra speċjali b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.** Nitlobkom tkunu ġenerużi u grazzi bil-quddiem.